MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 242/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334) u skond il-verbal tas-16 ta' Jannar, 2008, l-isem "Maltacom p.l.c. jinbidel ghal GO p.l.c.**

**Vs**

**Paul u Filippa konjugi Micallef (I.D. 447232M u 642935M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Marzu 2007, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa` mija wiehed u sebghin Euro u hamsa u disghin Euro centezmu (€971.95) - erba` mija u sbatax Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm417.26) - ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes.

Ra illi fl-10 ta' April 2007, is-socjeta` attrici ipprezentat nota li permezz taghha cediet il-kawza fil-konfront ta' Paul Micallef u zammet ferm it-talbiet taghha fil-konfront ta' Filippa Micallef, filwaqt illi t-talba attrici giet ridotta ghal tlett mija u tnejn u disghin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm392.26), u reghet giet ridotta ulterjorment ghal mitejn u tnejn u disghin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm292.26), b'nota tas-6 ta' Dicembru 2007.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta waheda thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u tmenin Euro u tmienja u sebghin Euro centezmu (€680.78) - mitejn u tnejn u disghin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm292.26), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------